MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2014

Avviz Numru. 618/2003

Seduta ta' nhar il-Gimgha (23) ta' Mejju 2014

Rikors Numru 618/03 FDP

Fl-ismijiet

**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-ilma f'isimha proprju**

**u ghan-nom ta' Enemalta.**

**vs**

**Alfred Pisani**

Rat ir-rikors ipprezentat mill-korporazzjonijiet attrici fit 18 ta' Dicembru 2003 fejn talbu lil din l-Onorabbli Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma proprio et nomine, is-somma ta' erbat elef u tnejn u ghoxrin lira u wiehed u tmenin centezmu (Lm4,022.81) dovuti minnu lilha proprio et nomine kwantu ghas-somma ta' elf sitt mija u erbghin Lira u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm1,640.27) ghall-konsum ta' l-ilma u kera ta' meter tal-ilma u ghall- konsum tal-elettriku u kera ta' meter tal-elettriku fil-fond Metro Butcher, Triq is-Sirk, Swieqi matul il-perijodu 10 ta' April 1995 sad-29 ta' Novembru 1991 skont il-kont numru 515786542 u d-dokument anness (WSC 1) u kwantu ghas-somma ta' elfejn tliet mija u tnejn u tmenin Lira u erbgha u hamsin centezmu (Lm2,382.54) ghall-konsum tal-ilma u kera ta' meter tal-ilma u ghall-konsum tal- elettriku u kera ta' meter tal-eletriku fil-fond Lee Lake, triq il-Ghajn, Swieqi ghall-perijodu 13 ta' Ottubru 1994 sat-23 ta' Guju 2003 skont il-kont nurmu 515108470 u d- dokumenti annessi (WSC 2 u WSC 3).

Bl-ispejjez inkluz Lm2.95 u Lm8.50 spejjez ta' ittri ufficjali tat-22 ta' Novembru 1993 u dik tas-27 ta Marzu 1998 kontra l-konvenut li kien ingunt in subizzjoni.

Rat il-verbal taghha tat-13 ta' Mejju 2005 meta deher il- konvenut u ha konjizzjoni tal-avviz u tal-kapitolu ghas- subizzjoni tieghu fejn iddikjara li kien ser jinkariga avukat bhala rapprezentant legali tieghu.

Semghet lill-konvenut Alfred Pisani jixhed nhar id-19 ta' Mejju 2005 quddiem din il-Qorti diversament preseduta, fejn stqarr li huwa ha l-passi kollha mehtiega sabiex jinkariga avukat tal-ghajnuna legali sabiex ikun jista' jipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu, u kkonferma in subizzjoni tieghu li huwa m'ghandux jaghti dik is-somma mitluba mill-korporazzjonijiet attrici.

Rat l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn ecepixxa s- segwenti:-

l. "Illi preliminarjament it-talba attrici ghandha tigi michuda stante li hija preskritta skont il-ligi a tenur inter alia tal- artikoli 2148 (f) u 2156 (f) tal-kap 16 tal-ligjiet ta' Malta.

2. Illi t-talba tal-korporazzjoni attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-fatti ma grawx kif qed tallega l- korporazzjoni attrici u stante li l-ammont mitlub mill- korporazzjoni attrici mhuwiex dovut mill-konvenut, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3 Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat li fit-13 ta' Lulju 2010 l-Qorti tal-Magistrati (Malta) ppronunzjat is-segwenti sentenza:-

> *Il-Qorti qieghda tichad it-talba attrici, filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut dwar il- preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kap 16 fir- rigward tal-hanut Metro Butcher. Rigward il-fond fi Triq l- Ghajn, Swieqi qieghda tichad it-talba attrici ghaliex ma giex provat ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li dan il-fond kien jghajjat lill-konvenut.*

*L-ispejjez ta' din il-kawza jithallsu mill-Korporazzjoni attrici".*

Rat illi s-socjeta rikorrenti appellat minn tali decizjoni u, fis 6 ta' Ottubru 2011, il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) laqghet it-talba tas-socjeta attrici u ippronunzjat is-segwenti sentenza:

> *... tilqa' l-appell interpost mill-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma f'isimha proprju u ghan-nom ta' l-Enemalta datat 2 ta' Awwissu 2010 fis-sens hawn deciz u b'hekk thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet "Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma f'isimha proprju u ghan-nom ta' l-Enemalta vs Alfred Pisani" datata 13 ta' Lulju 2010 (Avviz Numru 618/2003) ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, b'dan li tirremetti u tibghat lura l-atti ta' din il-kawza lill-istess Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex fid-dawl ta' dak hawn deciz, titratta u tiddeciedi l-istess kaz skont il- ligi.*

*Fic-cirkostanzi, l-ispejjez ta' dan l-appell jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.*

Rat illi fil 25 ta' Jannar 2012, dina l-Qorti, diversament ipprsejduta, astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-kaz peress illi kienet gia esprimiet ruhha.

Semghet ix-xhieda ta' **Alfred Pisani** moghtija fis 26 ta' Novembru 2012.

Semghet ix-xhieda ta' **Audrey Ellul**, ufficjal tal-ARMS Limited, moghtija fl-4 ta' Frar 2013 u rat id-dokumentazzjoni minnha esebita.

Semghet ix-xhieda ta' **Hugh Zammit**, segretarju ezekuttiv tal-Kunsill Okali Swieqi, moghtija fit 18 ta' Marzu 2013.

Rat in-nota b'dokumentazzjoni ippresentata mis-socjeta rikorrenti fis 17 ta' Mejju 2013.

Semghet ix-xhieda ta' **Eric Montfort** moghtija fit 28 ta' Gunju 2013.

Rat illi fit 28 ta' Gunju 2013 is-socjeta rikorrenti iddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippresenta.

Semghet ix-xhieda ta' **Alfred Pisani** moghtija fl-14 ta' Ottubru 2013/

Rat illi fis 17 ta' Frar 2014, il-Qorti iddikjarat il-provi intimati bhala maghluqa.

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet moghtija fit 28 ta' Marzu 2014, wara liema data il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat.**

Jirrizulta mill-atti processwali, illi l-Qorti tal-Appell irrevokat is-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti <u>unikament</u> in vista tal fatt illi, meta l-kawza giet deciza fit 13 ta' Lulju 2010, dakinhar li l-kawza kellha tinstema, l-intimat kellu jitla sabiex jirrispondi ghad-domandi maghmulha lilu in subizzjoni fis-seduta ta' qabel, jigifieri fil 5 ta' Lulju 2010, izda l-Ewwel Qorti, iddecidiet il-kawza fuq il-meritu, u partikolarment dwar l-ewwel eccezzjoni imressqa mill-intimat, ossija illi l-proceduri odjerni kienu preskritti, kemm bit-trapass ta' tmintax-il xahar a tenur ta' l-artikolu 2148 (f) tal-Kap 16, u bit-trapass tal-periodu ta' hames snin a tenur ta' l-artikolu 2156 (f) tal-Kap 16.

Illi dana qieghed jinghad, ghax l-ewwel Qorti kienet dahhlet fil-fond dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni li kien qajjem l-intimat, u dina l-Qorti ma tara assolutament ebda raguni ghaliex l-hsibijiet u konkluzjonijiet milhuqa mill-Ewwel Qorti ma ghandhomx jigu mhaddna u kkonfermati minn dina l-Qorti wkoll.

Ghalhekk, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-kawza odjerna kienet biss ezercizzju ta' hela ta' hin kemm ghal dina l-Qorti kif ukoll ghall-intimat.

Dana qieghed jinghad ghaliex, kif ben qalet l-Ewwel Qorti, l-preskrizzjoni applikabbli fil-kaz odjern huwa dak ta' hames snin u mhux dak ta' tmintax-il xahar li semma l-intimat.

Jirrizulta wkoll illi l-azzjoni odjerna, illi giet intavolata fit 18 ta' Dicembru 2003 u kienet tirrigwarda kontijiet tad-dawl u ilma illi, allegatament kienu dovuti mill-intimat lis-socjeta rikrorenti bejn "*il-periodu 10 t'April, 1995 sad-29 ta' Novembru 1991*".

Il-Qorti tifhem illi ghalkemm fir-rikors promotur ir-rikorrent indikat li l-periodu beda fl-10 ta' April 1995 u spicca fid 29 ta' Novembru 1991, jidher car illi ghalkemm fuq medda ta' hdax-il sena ma sar ebda tentattiv sabiex jigi korrett tali zball ovvju tipografiku, l-periodu illi

socjeta rikorrenti riedet tindika hija dik ta' bejn l-10 ta' April 1985 u id 29 ta' Novembru 1991.

Jirrizulta illi fit 22 ta' Novembru 1993, s-socjeta rikorrenti baghtet ittra ufficjali izda dina ma gietx notifikata. (fol 51)

Jirrizulta illi fis 27 ta' Marzu 1998 is-socjeta rikorrenti regghet baghtet ittra ufficjali, din id-darba fl-indirizz "Sea Cliff Hotel, Triq it-Torri, Sliema", u jidher illi dina giet notifikata fit 2 ta' April 1998. (fol 53).

Dawna l-fatti, wahedhom, huma sufficjenti biex il-Qorti tieqaf hawn dwar il-kwistjoni ta' preskrizzjoni.

Madanakollu, il-Qorti taghmel ukoll referenza ghal fatt illi l-proceduri odjerni, quddiem l-Ewwel Qorti, gew notifikat tramite publikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u gazzetti lokali fit 3 ta' Mejju 2005 u 6 ta' Mejju 2005 u l-intimat, fix-xhieda tieghu quddiem l-Ewwel Qorti fl-14 ta' Ottubru 2008 u quddiem dina l-Qorti fl 14 ta' Ottubru 2013, ezattament hames snin wara, ikkonferma illi huwa qatt ma kien gie notifikat b'ebda att legali precedentement u illi huwa sar jaf bil-kawza unikament mill-pubblikazjoni tal-Aviz fil-gazzetta lokali.

Dina l-Qorti hija certa illi l-intimat qieghed jghid il-verita' f'dana il-kaz, peress illi attwalment jirrizulta illi l-ittra uffcjali illi saret wara li ghadda il-periodu preskrittiv ta' hames snin intbghatet gewwa Hotel, ossija Sea Cliff Hotel, u ma ingiebet ebda prova dwar in-ness bejn l-intimat u l-Hotel inniffisha.

Dina l-Qorti hija ghalhekk stupefatta kif is-socjeta rikorrenti, ben konsapevoli minn dawna l-fatti u illi anke l-ewwel att ufficjali, illi biha l-intimat seta jigi kkunsidrat bhala notifikat, ossija dik ta' l-ittra ufficjali datata 27 ta' Marzu 1998, giet notifikata lill intimat **WARA** illi ghaddew hames snin minn l-ahhar kont mibghut lill-intimat, jigifieri fid-29 ta' Novembru 1991, u ghalhekk wara illi kienu gia ghaddew sitt snin u nofs, baqghet tippersisti bil-proceduri odjerni.

Il-Qorti thoss illi aktar kliem f'dana l-istadju huma superfluwi u tiddikjara illi l-azzjoni mibdija mis-socjeta rikorrenti kontra l-intimat hija preskritta bit-trapass tal-periodu ta' hames snin a tenur ta' l-artikolu 2156 (f) tal- Kap 16.

Il-Qorti ghalhekk

**Tilqa** l-ewwel eccezzjoni ta' l-intimat,

**Tiddikjara** l-azzjoni odjerna bhala preskritta a tenur tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kap 16 u

**Tichad** it-talbiet kollha attrici.

Spejjez tal-proceduri kollha, sa fejn applikabbli, ghandhom ikunu kollha a kariku tas-socjeta rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------